MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 9/2004

Grace Borg f'isimha propju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Visual and Sound Communications Ltd
vs
Ernest Cilia u Vadim Opeskin u b'digriet tat-23 ta' April, 2007 Dr. Mark Busuttil u l-P.L. Liliana Buhagiar gew nominati Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lil Vadim Opeskin

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attrici *nomine* li permezz taghha ippremettiet:

Illi f'certu zmien kienu ghaddejjin trattativi bejn il-kontendenti bil-hsieb illi eventwalment tigi iffurmata socjeta` kummercjali bejniethom;

Illi ghal dan l-iskop u in anticipu li jinbeda n-negozju bejniethom l-attrici investiet fih u ghamlet spejjez konsiderevoli kif jigi spjegat waqt it-trattazzjoni;

Illi l-attrici sahansitra hallset, fdat u ikkunsinjat lill-konvenuti, jew min minnhom, ammont konsiderevoli ta' flus - in total is-somma komplessiva ta' sebat elef sitt mija u tnejn u erbghin Lira Maltin (Lm7,642) sabiex jintuzaw u jigu investiti unikament u merament ghall-iskopijiet kummercjali hawn fuq imsemmija;

Illi sussegwentement kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, irrizulta li l-flus versati jew mghoddija lill-konvenuti jew min minnhom, ma gew bl-ebda mod uzati jew investiti minnhom fin-negozju prospettat jew fi hwejjeg ohra relatati, konnessi jew incidentali mal-istess, anzi jirrizulta li l-konvenuti jew min minnhom approprjaw ruhhom mill-istess flus b'vantagg u utilita` esklussiva ghalihom. Peress illi ghalhekk jigi li b'qerq ingannaw l-attrici billi tawha x'tifhem illi ser jigu konkluzi trattativi bejniethom meta fil-verita` l-istess konvenuti jew min minnhom kellhom biss l-intenzjoni li jdawru kollox bi profitt ghalihom a dannu u pregudizzju ta' l-istess attrici, u dan kif jista' jigi pruvat ahjar fil-mori tal-kawza;

Illi *inoltre*, l-istess konvenuti jew min minnhom uzaw l-isem tal-attrici b'mod illegali u abbuziv u minghajr l-awtorizzazzjoni taghha sabiex jikkonkludu negozji ma' terzi minn wara darha u minghajr il-kunsens taghha u b'mod illi imbroljaw, ingannaw u sahansitra taw informazzjoni falza u immaginarja lil dawn it-terzi sabiex igiegheluhom jemmnu jew jaghtuhom x'jifhmu li tezisti intrapriza bhal dik proposta bejn il-partijiet, meta l-unika intenzjoni tal-konvenuti jew min minnhom kienet illi jaghmlu negozju separat minn dik intiza mal-attrici, jidhlu fl-istess kamp ta' negozju b'dan illi jiehdu l-klijenti prospettivi ta' l-istess izda bi qligh uniku ghalihom, u dan bi hsara ta' l-istess attrici;

Illi ghal ragunijiet mhux imputabbli lill-attrici, it-trattativi ma gewx konkluzi b'dan illi ebda socjeta` ma giet iffurmata

bejn il-partijiet, u l-konvenuti jew min minnhom fl-ebda hin ma irritornaw il-flus jew l-investimenti imhallsa mill-attrici ammontanti ghall-Lm7,642 b'dan illi arrikkew ruhhom indebitament minn fuq l-istess attrici;

Illi dan l-agir illegali u abbuziv wassal ukoll ghal danni u pregudizzju lill-attrici konsistenti f'telf finanzjarju sostanzjali kif ukoll f'telf ta' negozju u klijenti prospettivi f'ammonti li ghad iridu jigu likwidati, u dan kif ser jigi pruvat ahjar fil-mori tal-kawza;

Illi *nonostante* diversi interpellazzjonijiet sabiex jersqu ghall-hlas u restituzzjoni ta' l-ammonti kollha mhallsa u investiti mill-attrici ammontanti ghall-Lm7,642, kif ukoll ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni, il-konvenuti jew min minnhom baqghu inadempjenti;

L-attrici *nomine* talbet lill-Qorti sabiex:

1) Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom arrikew ruhhom indebitament minn fuq l-attrici u dan meta naqsu milli jhallsu jew jirrestitwixxu lill-attrici l-flus u l-investiment minnha imhallsa ammontanti ghal Lm7,642 konsenjati u fdati lilhom unikament in vista ghal fini tan-negozju propettat bejniethom li qatt ma immaterjalizza;

2) Tordna lill-konvenuti jew min minnhom, ihallsu jew jirrestitwixxu lill-istess attrici s-somma kumplessiva ta' Lm7,642 gja msemmija;

3) Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni kagunati lill-attrici konsistenti f'telf finanzjarju kif ukoll f'telf ta' negozju u klijenti prospettivi f'ammonti li ghad iridu jigu likwidati u dan *stante* l-agir illegali u abbuziv taghhom;

4) Tillikwida d-danni li gew sofferti mill-attrici f'somma li tista' tigi likwidata okkorrendo l-opera ta' periti nominandi;

5) Tordna lill-konvenuti jew min minnhom, ihallsu lill-istess attrici s-somma hekk likwidata u dikjarata

bhala dovuta minnhom in linea ta’ danni *ai termini* tat-talba 3;

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 30 ta’ April, 2003 kontra l-istess konvenuti jew min minnhom, li gew ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attrici *nomine*.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti li permezz taghha eccepew:

1. Illi d-domandi attrici qed jigu kontestati bhala infondati fil-jedd u fil-fatt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda. Dan peress illi ghalkemm huwa minnu li l-attrici ghamlet xi versament ta’ flus sabiex bdew isiru t-thejjijiet u thallsu xi spejjes (certament mhux fl-ammont reklamat mill-attrici) sabiex jigi mwaqqaf negozju barra minn Malta, dan finalment ma kellux success anzi kienet l-attrici nnifisha li iddecidiet li ma tkomplix fin-negozju mal-konvenuti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Dr. Mark Busuttil u l-P.L. Liliana Buhagiar, Kuraturi Deputati, li biha esponew:

Li huma m’humiex edotti mill-fatti u irriservaw id-dritt li jipprezentaw l-eccezzjonijet taghhom motivati fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-Kuraturi Deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehedet Grace Borg, *Managing Director* fil-kumpanija Visual & Sound Communications Ltd u qalet li Ernest Cilia l-konvenut kien impjegat ta' kumpanija li kienet qed taghmlilha s-sistema tal-kompjuterizzazzjoni tal-kumpanija taghha. Kien kellimha biex jaghmlu xi negozju r-Russja u thajret. Semmiet li kienet hallset lill-konvenut Cilia zewg vjaggi ghar-Russja b'ideja ta' negozju. Saret taf li Cilia kien ghaddej minn proceduri ta' annullament. Kienet ukoll hallset ghall-*visa* ta' Vadim Opeskin u l-familjari tieghu. Kienu qalulha li dan kien il-persuna li kien inkarigat u kien jaf kollox fir-rigward ta' makkinarju li kellhom jixtru minghand kumpanija Ingliza. Cilia kien semmhiela lil Roy Walker u kumpanija Ingliza li wara skopriet li ma kenitx xi kumpanija kbira u soda. Wara saret taf li Roy Walker fil-fatt kien gie Malta u lilha anqas biss infurmawha. Cilia, Vadim u Walker kienu iddecidew li jkomplu bin-negozju u jeskluduha u dan kien negozju ta' telekomunikazzjoni. Esebiet dokument ta' l-ispejjez kollha inkorsi minnha dwar il-progett fir-Russja. Dawn jammontaw ghal Lm7,642 li l-ammont li jidher hemmhekk bhala Lm866, qalet li dan kien negozju li ghamel Ernest Cilia. Ipproduciet diversi dokumenti. Hallset ghal *computer* u *laptop* li ghadhom f'idejn Ernest Cilia. Esebiet *Memorandum of Association* ta' CILBOR Limited.

Xehed Joe Vella li qabel kien l-*accountant* ta' l-attrici u kien involut kemm ma' Cilia kif ukoll ma' Vadim Opeskin fin-negozju li kien u ser jaghmlu. Kellu jsir *setup* bhala business ta' *call centre* li jopera bil-*cards* telefonici. Qal li kellhom ikunu 5 *shareholders*, hu, Grace Borg, Vadim Opeskin, Cilia u kif ukoll Jean Farrugia u kif ukoll certu persuna Ingliz, u kellhom johorgu Lm10,000 kull wiehed. Fir-rigward ta' dan in-negozju izda l-persuna Ingliza li kien certu Walker kellu johrog somma fenomenali li kienet hafna ikbar minn Lm10,000. Spjega kif hu u l-attrici kienu bdew jahdmu fuq il-progett, u kienu anke nxtraw xi oggetti.

Kellu jsir il-bejgh Lm1 izda jinbieghu barra minn Malta, fir-Russja. Semma li l-attrici kienet ghamlet diversi spejjez ta' *hotels* ghal Cilia u Opeskin oltre *spending money* moghti lilhom. Kienu skoprew li l-kumpanija suggerita mill-konvenuti ma kenitx wahda soda. Wara saru jafu li l-ohrajn komplew bin-negozju flimkien ma' Walker. Xejn ma gie rifuz lil Grace Borg. Cilia kien dejjem minghajr flus, anqas kien ikollu biex jiekol.

Xehedet Jacqueline Aquilina, segretarja mas-socjeta` Visual & Sound Communications Ltd. ghal madwar 12-il sena u qalet li lil Enrest Cilia originarjament saret tafu ghax kien qed jahdem fuq is-sistema tal-*computers* fis-socjeta` fejn tahdem hi u mbghad eventwalment lil Vadim Opeskin saret tafu ghaliex kienu dahlu flimkien biex jaghmlu xi *business* ma' Grace Borg. In-negozju kellu jkun fuq *telephones* u *cheap international calls*. It-trattativi damu sejrin iktar minn sena u l-ispejjez thallsu mis-socjeta` ta' l-attrici.

Xehed Nikolai Borg li jahdem mas-socjeta` Visual & Sound Communication Ltd. u jiehu hsieb il-*personell* u l-I.T. tal-kumpanija. Sar jaf lil Cilia meta l-kumpanija riedet tibdel xi *software* u Cilia kien *in charge* biex jinstalla s-*software*. Cilia kien semma li kellu kuntatti dwar prodotti tal-Lira u li kien jaf lil Opeskin. Eventwalment marru hu u Cilia r-Russja, ordnaw xi xoghol u l-hlas sar mill-Visual & Sound. Saru spejjez ghall-ghixien taghhom. Opeskin kellu kuntatti wkoll dwar *telecommunications*. Kienu tkellmu fuq il-progett ma' diversi persuni fosthom Jean Cini u Jean Farrugia. Eventwalment kien sar jaf li Cilia u Opeskin kienu qed jippruvaw johorgu 'l barra lid-ditta taghhom.

Xehed Louis Padovani, awditur tal-kumpanija Visual & Sound Communications Ltd. u qal li ltaqa' ma' Ernest Cilia kemm-il darba fl-ufficini ta' Visual & Sound. Semma li kien sar xi diskors bejn Cilia u l-attrici biex jaghmlu xi negozju flimkien relatat mat-*telecards system* u mas-sistema ta' telekomunikazzjoni. Kien anke irrediga statut ghal Limited Liability Company bejniethom. Kien anke sema' l-isem ta' Opeskin izda qatt ma ltaqa' mieghu. Zied

li kien hemm xi *clashes* bejn il-partijiet, kien anke nxtara *computer* ghall-iskop tan-negozju, izda meta n-negozju waqaf xorta ma giex ritornat il-*computer*.

Xehed Jean Karl Farrugia, direttur fil-kumpanija J&J Imports Ltd. u semma li xi zmien ilu kienu qed jippruvaw jaghmlu negozju mal-attrici u l-konvenuti, u dan dwar telefonati permezz ta' *card*. Semma li l-attrici kienet tat xi flus lil Cilia biex jaghmlu xi xoghol, u dan fl-ammont ta' eluf izda ma jafx l-ammont. Meta raw li ma setghux jaghtu affidament lil Cilia, il-progett waqaf.

Xehed Jean Frank Farrugia li semma li flimkien mad-direttur l-iehor Jean Karl Farrugia kienu bdew diskussjonijiet dwar possibbli negozju ta' *telecommunications* mal-attrici u ma' Ernest Cilia.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Illi irrizulta li kwantita` ta' drabi saru seduti u la dehru l-konvenuti u anqas kellhom konsulent legali jidher ghalihom hlief fil-bidu. Provi min-naha tal-konvenuti ma saru xejn, filwaqt li l-attrici gabet il-provi taghha kemm bid-depozizzjoni taghha personali kif ukoll permezz ta' Joe Vella, Jacqueline Aquilina, Nicolai Borg u Louis Padovani. Gew prodotti diversi dokumenti li jippruvaw li fil-fatt kien hemm it-tentattiv ta' negozju komuni. Hemm ix-xhieda ta' dawn mhux kontradetta mill-konvenuti, u gew esebiti diversi listi ta' l-ispejjez inkorsi mill-attrici.

Illi t-talba ta' l-attrici hi bazata fuq li l-konvenuti arrikkew ruhhom indebitament minn fuqha fl-ammont ta' Lm7,642, liema provi saru dwar dan l-aspett. L-attrici talbet ukoll dikjarazzjoni ta' responsabbilta` dwar danni kagunati lill-attrici konsistenti f'telf finanzjarju u telf ta' negozju u klijenti prospettivi, u likwidazzjoni ta' dawn id-danni. Izda dwar dan ma sarux provi sufficjenti u certament ma sarux provi dwar xi ammont biex jigi likwidat. L-ittra ufficjali tat-30 ta' April, 2003 ma tidhirx fil-lista ta' dokumenti esebiti.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom arrikkew ruhhom indebitament minn fuq l-attrici fl-ammont ta’ Lm7,642 ekwivalenti ghal €17,801.08.

Tilqa’ t-tieni talba billi tordna lill-istess konvenuti jew min minnhom ihallsu dan l-ammont ta’ €17,801.08.

It-tielet, raba’ u hames talba ma hemmx provi sufficjenti dwarhom.

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------